MALTA WEIGHTLIFTING ASSOCIATION

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

2026

President & General Secretary Report

01.01.2025 – 31.12.2025

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Laqgħa Ġenerali Annwali MWA
12 ta' Frar 2026

Rapport mill-President u s-Segretarju għas-sena ta' ħidma mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025.

Kompetizzjonijiet

Kompetizzjonijietlokali

1) **1 ta' Marzu; RANKING competition**
2) **31 ta' Mejju; OPEN Championship**
3) **9 ta' Awissu; TEAM competition**
4) **13 ta' Settembru;Cadets & Youths**
5) **15 ta' Novembru; National Championship**

Il-MWA tirringrazzja lit-tim ta' voluntiera li dejjem ikunu hemm sabiex jagħtu l-għajnuna tagħhom waqt dawn il-kompetizzjonijiet sabiex ikunu ta' suċċess.

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Kompetizzjonijiet Internazzjonali

1) Marzu; European Small Nations & International Open -Marsa - Malta
2) April; Soroksar Cup – Budapest - Hungary
3) Mejju; IWF World Youth &Junior Championships – Lima – Peru
4) Lulju; EWF European Youth Championships – Madrid – Spain
5) Awwissu; Trophy of the Blue Sword - Meissen – Germany
6) Settembru; Mediterranean Cup – Cairo – Eygpt
7) Ottubru;IWF World Senior Championships – Forde – Norway
8) Ottubru; La Corunia Cup – Corunia – Spain
9) Ottubru; San Marino Cup – San Marino
10) Ottubru; Challenge 210 – Tramalan – Switzerland
11) Novembru; EWF European Junior Championships – Tirana – Albania
12) Diċembru; European Union Cup& International Junior Open - Marsa – Malta
13) Diċembru; London Open

Kampijiet ta' Taħriġ

1) April; Bucharest – Romania
2) April; Lima - Peru
3) Lulju; Madrid – Spain
4) Settembru; Marsa - Malta
5) Ottubru; Marsa – Malta

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Rendikont Annwali

Jannar

Bdejna s-sena b'ħafna xogħol sabiex jitlesta fil-ħin iċ-ċentru tat-taħriġ fil-Marsa, biex stajna norganizzaw il-Kampjonati għal Pajjiżi Żgħar tal-Ewropa u l-Malta Open.

Ġie organizzat l-AGM kif ukoll il-MWA Awards għal sena 2024.

Frar

Baqa' għaddej xogħol bla waqfien biex iċ-ċentru l-ġdid tal-Marsa jkun lest fil-ħin. L-assoċjazzjoni hija grata ħafna lejn il-voluntiera li għandhom għal qalbhom l-isport tal-weightlifting u li meddew idhom biex dan seta' jkun possibbli.

Marzu

Saret l-ewwel Kompetizzjoni Ranking tas-sena.

Ġew organizzati:

- Il-Kampjonati għal Pajjiżi Żgħar tal-Ewropa
- Il-Malta International Open

L-għaqda organizzat b'suċċess dawn il-kampjonati b'parteċipazzjoni ta' aktar minn 70 atleta fuq medda ta' jumejn. Matulhom intrebħu għadd ta' midalji mill-atleti Maltin. Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr l-għajnuna tal-voluntiera li taw is-sehem tagħhom.

April

Ġie organizzat Training Camp ta' sbatax-il ġurnata ġewwa Bucharest, ir-Rumanija, fejn Tenishia Thornton kompliet bl-aħjar preparazzjoni tagħha għall-Kampjonat tad-Dinja tal-Juniors. Hija tħarrġet mat-Tim Nazzjonali Rumen.

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Kompetizzjonijiet u Avvenimenti

- **Soroksar Cup – Budapest**
  It-tim Malti kien jinkludi: Nathan Mifsud, Nathan Balzan, Mattias Mifsud, Gabriele Frendo, Aaliyah Gatt, Kaya Curmi Inguanez, flimkien mal-kowċis Rodmar Pulis u Mariah Bugeja.
- **Kampjonat tal-Ewropa u Elezzjoni – Chisinau, Moldova**
  Il-President tal-Għaqda, Jesmond Caruana, ġie elett Viċi-President. Huwa ġie ppremjat ukoll bl-EWF Gold Star għall-ħidma tiegħu kemm fuq livell lokali kif ukoll internazzjonali, u ġie maħtur Chairman tal-Kumitat tal-Coaching, Research & Scientific.
- **Training Camp u Kampjonat tad-Dinja tal-Juniors – Lima, Peru**
  It-tim Malti kien jinkludi: Kim Camilleri Lagana, Rylee Borg, Tenishia Thornton u l-kowċ Jesmond Caruana.

Mejju

- **Kungress Elettorali tal-IWF – Riyadh, l-Arabja Sawdija**
  Jesmond Caruana attenda għall-kungress u ħa sehem fil-votazzjoni għall-elezzjoni tal-kumitat tal-IWF.
- **Kompetizzjoni Malta Open**

Ġunju

Attività tal-Olympic Day ġewwa l-Università ta' Malta.

Lulju

- **Training Camp – Madrid**
  It-tim Malti kien jinkludi: Kim Camilleri Lagana, Aaliyah Gatt, Nathan Mifsud, Rylee Borg, Tenishia Thornton u l-kowċ Jesmond Caruana.

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

- **Kampjonat Ewropew tal-Youth u U15 – Madrid**
  It-tim Malti kien jinkludi: Kim Camilleri Lagana, Aaliyah Gatt, Nathan Mifsud u l-kowċ Rodmar Pulis.
- **Il-Kumitat Olimpiku Malti** ffirma kuntratt mal-CGF sabiex Malta tospita l-Commonwealth Youth Games 2027, fejn il-weightlifting se jkun parti minn dan l-avveniment, li se jsir bejn id-29 ta' Ottubru u l-4 ta' Novembru.

Awissu

- **Kompetizzjoni Team Event**
- **Blue Sword – Meissen, Ġermanja**
  Malta ħadet sehem b'Rylee Borg, Tenishia Thornton, Roberta Tabone u l-kowċ Jesmond Caruana.

Settembru

Sar Training Camp ma' kowċ Maged Salama, li ġie Malta apposta biex jgħin lill-atleti fit-taħriġ tagħhom.

- **Kampjonat tal-Mediterran – Cairo, l-Eġittu**
  It-tim Malti kien jinkludi: Tenishia Thornton, Roberta Tabone, Rylee Borg u l-kowċ Jesmond Caruana.

Ottubru

- **Kampjonat tad-Dinja – Forde, in-Norveġja**
  It-tim Malti kien jinkludi: Tenishia Thornton, Roberta Tabone, Rylee Borg u l-kowċ Jesmond Caruana.
- **A Coruna Cup – Spanja**
  It-tim Malti kien jinkludi: Aaliyah Gatt, Luke Stefan Micallef, Luke Treeby Ward, Nathaniel Fenech u l-kowċ Matthew Camilleri.
- **San Marino Cup – San Marino**
  It-tim Malti kien jinkludi: Kim Camilleri Lagana, Emily Livori, Mia Sant, Nathan Mifsud,

Nathan Balzan, Gabriele Frendo, flimkien mal-kowċis Rodmar Pulis u Rodienne Balzan.

- **Challenge 210 – Tramelan, l-Iżvizzera**
  It-tim Malti kien jinkludi: Aaliyah Gatt, Thea Azzopardi, Nathan Mifsud, Mattias Mifsud u l-kowċis Rodmar Pulis u Tenishia Thornton.
- **Kampjonat Ewropew tal-Juniors – Durres, l-Albanija**
  It-tim Malti kien jinkludi: Kim Camilleri Lagana, Rylee Borg u l-kowċ Jesmond Caruana.

Novembru

Fil-Kampjonati Nazzjonali kien hemm parteċipazzjoni sabiħa, b'fokus speċjali fuq l-atleti ta' età żgħira. Intwera progress sinifikanti fil-livell tal-atleti lokali.

Diċembru

- **EU Cup u International Open Malta**
  L-għaqda organizzat b'suċċess dan il-kampjonat b'aktar minn 100 atleta fuq medda ta' jumejn. Intrebħu għadd ta' midalji mill-atleti Maltin, grazzi wkoll għall-għajnuna tal-voluntiera.
- **London Open**
  It-tim Malti kien jinkludi: Tenishia Thornton, Rylee Borg, Nathan Mifsud, Kim Camilleri Lagana, Aaliyah Gatt, Luke Stefan Micallef u Nathaniel Fenech, flimkien mal-kowċ Jesmond Caruana.
- **MWA Awards**
  Ġew organizzati l-MWA Awards għal sena 2025.

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Suċċessi Oħra
Lokali

• Għal darb'oħra, il-weightlifting Malti kien fil-finali tal-iSport Malta Awards permezz ta' Tenishia Thornton, Jesmond Caruana, Kim Camilleri Lagana, Rylee Borg u Nathan Mifsud. L-okkażjoni ġiet organizzata fil-lukanda Westin Dragonara u kienet trasmessa dirett fuq TVM, li hija promozzjoni eċċellenti għall-isport tagħna.

Tenishia Thornton:

• Rebħet l-unur tal-aqwa atleta tas-sena għall-ewwel darba, wara li għal tliet snin konsekuttivi rebħet l-unur tal-aqwa żagħżugħa mill-Għaqda Ġurnalisti Sport.
• Rebħet ukoll il-Free Hour Youth Award.

Kim Camilleri Lagana:

• Rebħet l-unur tal-aqwa żagħżugħa tas-sena għall-ewwel darba mill-Għaqda Ġurnalisti Sport.

Jesmond Caruana:

• Wasal sal-finali tal-unur tal-kowċ tas-sena mill-Għaqda Ġurnalisti Sport.

Rylee Borg:

• Rebaħ l-Atlas National Award għax-xahar ta' Novembru.

Nathan Mifsud:

• Wasal sal-finali tal-unur tal-aqwa żagħżugħ tas-sena mill-Għaqda Ġurnalisti Sport.

Jesmond Caruana u Rodmar Pulis:

• Kisbu l-liċenzja uffiċjali maħruġa mill-IWF fil-coaching.

Saru wkoll il-MOC Awards fejn l-atleti Tenishia Thornton, Kim Camilleri Lagana, Rylee Borg u Nathan Mifsud rebħu total ta' erba' Bronze Awards.

Ħarsa Ġenerali lejn il-Midalji

Matul is-sena, l-atleti kisbu **total ta' 54 midalja internazzjonali**, maqsuma kif ġej:

- **23 Midalja tad-Deheb**
- **13-il Midalja tal-Fidda**
- **18-il Midalja tal-Bronż**

Dawn ir-riżultati jikkonfermaw it-tkabbir kontinwu fil-livell tekniku u kompetittiv tal-atleti Maltin, kif ukoll l-effettività tal-programmi ta' taħriġ u l-ħidma tal-kowċis.

Rikonoxximenti Speċjali

• Matthew Camilleri u Robert Cachia kisbu l-liċenzja ta' Referee Kategorija 2.

Tenishia Thornton u Kim Camilleri Lagana ġew magħżula mill-Kumitat Olimpiku Malti u issa qed jibbenefikaw minn skema ta' Olympic Solidarity sabiex jippreparaw aħjar għall-Olimpjadi ta' LA 2028.

Rekords Nazzjonali

Is-sena kienet immarkata minn **210** rekord nazzjonali ġdid, li juru żieda qawwija fil-livell tal-atleti:

• **128** rekord internazzjonali nkisru waqt kompetizzjonijiet barra minn Malta.
• Rekords fil-grupp tal-Kadetti U12 ma kinux inklużi f'dawn iċ-ċifri, iżda għad hemm tkabbir sinifikanti fost iż-żgħażagħ.

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Ranking

Numru ta' atleti rnexxielhom itejbu r-ranking tagħhom, b'mod speċjali dawk li laħqu jew qabżu l-livell tal-Bronż.

Madankollu, jeħtieġ li jkun hemm aktar atleti li jaħdmu biex jilħqu dawn il-livelli sabiex itejbu ċ-ċansijiet tagħhom waqt kompetizzjonijiet internazzjonali.

Doping

L-organizzazzjonijiet NADO u ITA wettqu għadd kbir ta' testijiet fuq l-atleti tal-MWA kemm f'kompetizzjonijiet lokali kif ukoll internazzjonali. Ir-riżultati kollha kienu negattivi, li jikkonfermaw sport nadif u professjonali.

Ħidma fuq iċ-Ċentru l-Ġdid

Ix-xogħol fuq iċ-ċentru tal-weightlifting fil-kumpless sportiv tal-Marsa issa kważi lest, pero' dejjem jibqa' xi rfinar biex ikun aħjar. Biex jinżamm ċentru ta' dan il-kalibru, l-ispejjeż huma kbar, u l-għaqda qed tfittex għajnuna minn dawk li għandhom l-isport għal qalbhom biex jikkontribwixxu għall-manutenzjoni u ż-żamma ta' dan il-proġett. Kif ukoll tħeġġeġ lill-atleti sabiex iżommu l-indafa u jieħdu ħsieb l-apparat.

Fondi

- Fondi allokati minn Sport Malta għall-ivvjaġġar: **€20,000**
- Fondi tal-KOM għall-ivvjaġġar: **€25,680**
- Fondi minn Sport Malta għat-tkomplija taċ-ċentru: **€66,243**
- Fondi tal-KOM mill-GSSE Legacy Fund: **€15,000**
- Għajnuna kemm mill-IWF kif ukoll mill-EWF b'apparat għaċ-ċentru ġdid tal-Marsa

---

JESMOND CARUANA
PRESIDENT

MATTHEW CAMILLERI
GENERAL SECRETARY

MARSA SPORT COMPLEX
Aldo Moro Road,
Marsa, MRS 9064

+356 79632415
+356 99445941

maltaweightlifting@gmail.com

Pjan u Proposti 2026

Bħalma tistgħu taraw, il-ħidma fi ħdan il-MWA qiegħda tiżdied kull sena.
Matul is-sena li għaddiet, il-ħidma tagħna kienet waħda straordinarja kemm fil-qasam tal-infrastruttura taċ-ċentru l-ġdid tal-weightlifting, kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet internazzjonali ta' livell għoli li saru ġewwa ċ-ċentru l-ġdid. Dan kollu kien rifless ukoll fir-riżultati pożittivi miksuba mill-atleti tagħna.

Aħna determinati li nkomplu naħdmu biex nattiraw aktar atleti speċjalment dawk ta' età żgħira, għax huma l-pedament tal-futur tal-weightlifting. Fl-istess waqt, se nkomplu nħeġġu aktar impenn mill-atleti u l-kowċis sabiex jintlaħaq l-ogħla livell possibbli.

Il-livell tal-atleti tagħna qiegħed jikber b'rata impressjonanti, u dan joħloq sfidi finanzjarji ġodda sabiex nassiguraw li dawn l-atleti jkollhom l-opportunità jikkompetu u jirbħu unuri f'kompetizzjonijiet internazzjonali ewlenin.

Il-MWA hija kommessa li taħdem għall-ġid tal-weightlifting f'Malta u lesta toffri kull għajnuna lill-atleti żgħażagħ li għandhom ix-xewqa u d-dixxiplina biex itejbu l-livell tagħhom.

Għeluq

Nirringrazzjaw b'mod uffiċjali lill-atleti, kowċis, uffiċjali, membri, familjari u lil kull min qed jagħti s-sostenn tiegħu sabiex il-weightlifting f'Malta jibqa' jikber u javvanza.

Grazzi speċjali lill-Kumitat Olimpiku Malti, Sport Malta u l-Federazzjonijiet Internazzjonali. Mingħajr l-għajnuna tagħhom, il-ħidma tagħna ma tkunx possibbli.

Grazzi tal-attenzjoni.

Jesmond Caruana
President



Matthew Camilleri
Segretarju Ġenerali